MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 42/2008

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**-vs-**

**Schembri Anthony**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet li l-konvenut ihallas is-somma t'erba' mija u hamsa u erbghin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€445.84c) - (Lm191.40c) liema ammont huwa rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contact Number 1012801 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjetà attrici u dana fix-xhur ta' bejn Marzu 2007 u Lulju 2007. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 t'Ottubru, 2007, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut ammetta l-kawza permezz ta' nota prezentata fl-20 ta' Mejju, 2008.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-konvenut t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u konsegwentement t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma t'erba' mija u hamsa u erbghin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€445.84c) - (Lm191.40c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------